**16 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Oscar Schembri

*versus*

John Dalli

**Appoġġ - Leġitimazzjoni ta' - Eċċezzjonijiet li Jridu Jiġu Deċiżi b'Kap Separat - Art. 730 Tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Kawża fuq appoġġ. L-interess prinċipali tagħha hija r-riflessjoni tal-Qorti ta' l-Appell fuq l-eċċezzjoni tal-leġitimazzjoni u dik tan-nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju. L-artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li jimponi li ċerti eċċezzjonijiet jiġu deċiżi b'kap separat ma jinkludix magħhom dik tan-nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju. Il-Qorti ta' l-Appell ma sabet għalhekk ebda nullità fil-proċduri u anqas fis-sentenza.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta' Frar, 1994, li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-avviż ippresentat mill-attur fl-4 ta' Lulju, 1991 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas is-somma ta' sitta u sittin lira Maltija, tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm66.92) bħala sehem il-konvenut għall-appoġġ mal-ħajt ta' l-attur u dana skond iċ-ċertifikat tal-Perit Arkitett Joseph Magro (Dok 'A');

Bl-ispejjeż u bl-interessi legali *inklużi* dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' Mejju, 1991;

Il-konvenut ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi preliminarjament it-talba attriċi hija vaga wisq billi ma hemmx indikat fejn jinsab dana l-allegat "ħajt" ta' l-attur u għalhekk dina l-vagezza trid tiġi kkjarifikata jekk hemm bżonn bil-korrezzjonijiet meħtieġa bl-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni trid imbagħad issir il-prova debitament dokumentata u awtentikata mill-attur li huwa tabilħaqq il-proprjetarju ta' l-allegat ħajt imsemmi iżda mhux indikat minnu fl-avviż odjern;

Illi mingħajr preġudizju wkoll, il-konvenut l-anqas biss jaf lill-attur u safejn jaf ma għandux jagħti lill-istess attur ebda ammont ta' flus bħala sehmu għal xi appoġġ ma' xi ħajt ta' l-istess kif imsemmi fl-avviż;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 1992 fejn innominat lil perit Albert Fenech bħala perit tekniku biex jirrelata dwar it-talba ta' l-attur wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ppresentati mill-konvenut fl-14 ta' Jannar 1993 fejn eċċepixxa li l-uniku sid tal-fond fejn presentement jabita, imma sid ukoll hija martu Isabelle Dalli li fil-mument meta ġiet intavolata din il-kawża kienet għadha Isabelle Higgins;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Albert Fenech ippresentata fit-13 ta' Jannar, 1994 u maħlufa fl-14 ta' Frar, 1994;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża tirrigwarda talba għall-ħlas ta' l-appoġġ f'ħajt diviżorju bejn il-fond ta' l-attur bl-isem "Toby Garage" li għandu l-faċċata tiegħu fuq Triq il-Qalgħa u l-fond tal-konvenut bl-isem "Galeon" li għandu l-faċċata tiegħu fuq Triq Alfier de Medron. Il-ħajt divisorju jaħbat bejn il-biċċa mill-ġnien tal-fond ta' l-attur u l-bitħa ta' wara tal-konvent. Il-fond, ta' l-attur u l-ħajt divisorju nbnew mill-attur xi tliet snin qabel ma sar il-bini tal-konvenut u martu;

Il-attur akkwista l-art permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Mejju, 1990 u bena l-fond tiegħu wara li akkwista d-debiti permessi. Il-ħajt divisorju in kwistjoni hu wieħed singlu, oħxon 9 pulzieri, mibni fuq il-linja medjana bejn il-fondi. Sar saff qatran wieħed, ftit il-fuq min wiċċ il-ħamrija tal-ġnien ta' l-attur u dan is-saff huwa xi żewġ filati l-fuq mill-art tal-bitħa tal-konvenut, li hi aktar baxxa minn wiċċ il-ħamrija tal-ġnien ta' l-attur. Fid-differenza bejn il-livelli l-konvenut tella' qoxra ħajt ġdida tas-6 pulzieri biex għatta il-pedamenti skoperti u kompla tella fuq din il-qoxra biex għatta l-ħajt kollu divisorju sa fuq nett, m'għoli tlettax-il filata u xi nofs pulzier bogħod mill-ħajt divisorju;

Il-konvenut ikkontenda li darba tella' l-ħajt fuq art kompletament tiegħu u mingħajr ma mess l-ħajt divisorju ma kienx obbligat iħallas appoġġ. Fil-fatt irriżulta li l-qoxra ħajt li ttellgħet tmiss biss f'parti zgħira mal-ħajt divisorju u d-distanza ta' bejniethom f'xi bnadi hi anqas minn 1/2" u 3/8". Il-perit tekniku ikkonkluda li dan l-ispazju hekk żgħir bejn il-ħitan aktar iservi ta' deni milli ġid peress illi mikxuf kif kien mill-parti ta' fuq kien soġġett għall-elementi u darba jidħol l-ilma allura żgur kien ser jikkawża umidità. Dan kien ser jikkomplika l-affarijiet għax fi

spazju daqshekk limitat ma kienx possibbli li jsir manutenzjoni. Fi kliem it-tekniku (para 26) b'referenza għall-ħajt tal-konvenut:

"... għandu jiġi kkonsidrat bħala irdobblatura, għax, minkejja l-ispazju, jew "*gap*" li tħalla dan l-ispazju mhux biss hu inaċessibbli għall-*manutenzjoni*, meta huwa soġġett biex jimtela bl-ilma u t-trab, bil-probabiltà li tiġi ikkaġunata umidità u dannu, iżda huwa wkoll interrott b'xi *knaten li jħokku ma'* xulxin u bittajn tat-tqegħid tal-ġebel li baqa' inkastrat bejn il-ħajt divisorju mibni mill-attur u l-qoxra ħajt mibnija mill-konvenut";

Din hi r-raġuni prinċipali l-għala l-konvenut hu tenut iħallas għall-appoġġ li t-tekniku kkalkola għandu jkun fl-ammont ta' Lm61.76;

Il-Qorti taqbel perfettament mal-konklużjonijiet li wasal għalihom l-għaref Perit Tekniku minnha nnominat u mal-argumenti minnu miġjuba u ma ssib l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi minnhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti wara illi qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-istess attur is-somma ta' Lm61.76 bħala sehmu għall-appoġġ mal-ħajt tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;"

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut li biha talab li din il-Qorti:

a) tannulla s-sentenza appellata u dana minħabba nuqqas ta' leġitimazzjoni;

b) tannulla l-proċeduri kollha li seħħew wara l-14 ta' Jannar, 1993;

c) *in linea* sussidjarja illi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkudannatu jħallas sorte u spejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li wara n-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tiegħu ta' l-4 ta' Jannar, 1993 kellha issir il-leġitimazzjoni ta' l-atti u billi din ma saritx, kull ma sar wara, inkluża s-sentenza huwa null;

Din l-eċċezzjoni li għaliha qed jirreferi l-appellant tinsab riportata fis-sentenza appellata u m'hemmx bżonn tiġi ripetuta. Din il-Qorti sempliċement tgħid li ma tarax kif tidħol il-leġitimazzjoni f'dan il-kwistjoni. L-appellant eċċepixxa li ma kienx sid uniku, però, b'daqshekk, *se mai* nqalgħet biss il-kwistjoni jekk il-ġudizzju kienx integru u mhux jekk kenitx meħtieġa legitimazzjoni li frankament hija miżura li totalment m'għandhiex rilevanza fil-każ preżenti;

L-appellant jilmenta li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiddeċidi din l-eċċezzjoni tiegħu, però l-artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jimponi li ċerti eċċezzjonijiet jiġu deċiżi b'kap separat, ma jinkludix ma' dawn l-eċċezzjonijiet dik tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju. L-appellant ma ippreteniex li hu mhux leġittimu kontradittur ta' l-

attur iżda li ma kienx l-uniku. Għalhekk ma hemm ebda *nullità*, la fil-proċeduri u anqas fis-sentenza;

*Oltre* dan jiġi osservat li bħala eċċezzjoni ftit li xejn jixirqilha konsiderazzjoni aktar minn hekk billi jekk l-appellant deherlu li martu kellha tkun fil-kawża, seta' ikkjamaha hu, setgħet intervjeniet hi u in-natura ta' l-azzjoni ma kinitx tagħmilha impellenti fuq l-attur li jikkjamaha hu taħt piena li taqagħlu l-kawża;

Ikkonsidrat:

L-appellant għandu aggravju ieħor fis-sens illi skond hu l-ewwel Onorabbli Qorti ċaħditlu smigħ xieraq meta b'ċerta għaġġla ċaħdet ir-rikors tiegħu tat-23 ta' Frar, 1994 biex huwa jkun jista' jeżamina r-rapport tal-perit tekniku u jagħmel sottomissjonijiet bi kritika għalih;

Jiġi rrilevat li r-rapport peritali ġie preżentat u maħluf fis-seduta miżmuma mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-14 ta' Frar, 1994 u dak in-nhar dik il-Qorti ħalliet il-kawża għall-eżami tar-rapport għal-21 ta' Frar. 1994;.

Fil-21 ta' Frar, 1994 meta ssejħet il-kawża deher il-konvenut u deher il-perit tekniku iżda jidher li ma deher ħadd iżjed u l-ewwel Onorabbli Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-24 ta' Frar, 1994;

Il-konvenut stenna sa lejliet li kellha tingħata s-sentenza biex jintavola rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan ġie miċħud mill-ewwel Onorabbli Qorti fuq bażi li r-raġunijiet miġjuba mir-rikorrent ma kinux suffiċjenti biex tissospendi l-

prolazzjoni tas-sentenza u għax kien jidhrilha li ma kienx hemm aktar bżonn ta' sottomissjonijiet oħra;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti sempliċement ma tistax tara fuq liema bażi tista' taqbel ma' l-appellant li l-ewwel Onorabbli Qorti innegatlu smigħ xieraq meta l-kawża kienet matura għas-sentenza, kienet differita għas-sentenza u huwa u d-difensur tiegħu kellhom kull opportunità bejn differiment u ieħor jagħmlu dak li qed jilmentaw li ma tħallewx jagħmlu;

Għalhekk anki dan l-aggravju qed jiġi respint;

Ikkonsidrat:

L-appellant għandu wkoll aggravju ieħor li jirrigwarda l-meritu ta' l-apprezzament li għamel il-perit tekniku li skond l-appellant ħareġ mit-'*terms of reference*' tal-kawża u l-inkarigu tiegħu;

Frankament din il-Qorti ippruvat tara jekk dan l-aggravju hux sostnut mir-reazzjoni però ma tarax li tista' taqbel miegħu. L-inkariku tal-perit u l-kawza innifisha kienet merament jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti kienx dovut ħlas ta' appoġġ jew le u l-perit dehrlu li kien anki jekk il-kostruzzjoni kienet dik li hi. Din il-Qorti minn eżami ta' l-istess rapport ma tarax fuq liema kriterji tista' ma taqbilx ma' din ir-rakkomandazzjoni tal-perit tekniku u għalhekk mhux se tvarjaha;

Ikkonsidrat:

Fl-aħħarnett, l-appellant jilmenta li ma jmmissux weħel spejjez peress li hu qatt ma ġie interpellat qabel ma ġiet istitwita

l-kawża. L-appellant kien ikollu raġun kieku effettivament ma kkontestax il-kawża kif għamel - altriment dan l-aggravju ma jagħmilx sens;

L-appell għalhekk ser jiġi respint;

Għal dawn il-motivi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż a kariku tal-appellant.